**MALTA**

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2016.

Talba Numru: 355/2016AM3

Numru fuq il-Lista: 11

**David Vella (K.I 206080M) u Maria Schembri (K.I.402180M)**

**'Emerald', Doctor Nicola Zammit Street,**

**Siggiewi**

**Vs**

**Mario Farrugia (K.I.331069M)**

**'Aqualeon' , Triq Burglat**

**Gudja**

**It-Tribunal,**

Din hija sentenza dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut li qed jeccepixxi (a) n-nuqqas ta' kompetenza 'ratione materiae' ta' dan it-Tribunal stante li t-talba tal-atturi hija in konnessjoni ma' konvenju li skada u ghalhekk hija regolata mill-Artikolu 1357 u (b) li l-azzjoni attrici hija estinta in kwantu din hi ippernjata fuq konvenju u kwindi

japplikaw id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 1357 (2) tal-Kap 16 u ghalhekk kellha tigi segwita l-procedura addottata f'dak l-Artikolu inkluz it-terminu perentorju ghal fini ta' azzjoni stabbilit hemmhekk.

Ra l-avviz tat-talba fl-ismijiet premess prezentati fl-01 ta' Settembru, 2016 li permezz tieghu l-atturi talbu minghand il-konvenut il-hlas ta' erbat elef, disa' mija u tmenin ewro u hamsa u hamsin centezmu (€4,980.55c) dovuta kwantu ghal danni sofferti mill-atturi stante li l-konvenut naqas milli jonora l-kondizzjonijet tal-konvenju tat-28 ta' Settembru, 2015 li sar bejn il-partijiet.

Ra l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut.

Semghet it-trattazjoni tal-partijiet fejn il-konvenut jargumenta li l-Artikolu 1357 tal-Kap 16 jghid li din l-azzjoni tinbeda b'rikors guramentat u l-formalitajiet tal-Artikolu 1357 tal-istess kas ma gewx prezentati fi zmien tletin (30) gurnata mindu skada l-konvenju. Li l-konvenju skada fid-29 ta' Lulju, 2016 u li l-ittra ufficjali mill-atturi saret fit-28 ta' Lulju, 2016 u ma gietx segwita b'kawza fil-Prim' Awla. Filwaqt li l-atturi jikkontendu li it-talba taghhom hi bazata fuq l-Artikolu 1357(1) tal-Kap 16, li din hi kawza mhux biex isir l-kuntratt ghax ma jistax isir il-bejgh u ghamlu referenza ghas-sentenza kawza numru 1239/10 MCH fl-ismijiet: **Simon Galea Testaferrata noe vs Joseph Farrugia** deciza 25 ta' Gunju, 2013.

Ra l-verbal tas-seduta tas-07 ta' Dicembru, 2017 li permezz tieghu l-partijiet qablu li giet prezentata ittra ufficjali qabel skada l-konvenju izda ma saritx il-kawza fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ikkunsidra,

Din hija kawza mhux biex il-konvenut jigi ordnat jersaq ghal kuntratt izda biex il-konvenut jigi ordnat danni li allegatament sofrew l-atturi stante li l-kondizzjonijiet tal-konvenju ma setghux jigu onorati u ghalhekk il-kuntratt ma jistax isir.

Li kif gie verbalizzat mill-partijiet fis-seduta tas-07 ta' Dicembru, 2016, il-kawza fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-termini preskrit mill-Artikolu 1357(2) ma saritx u ghalhekk dan it-Tribunal ma jistax jaqbel ma' dak sottomess mill-konvenut, li din l-azzjoni ghandha tinbeda b'rikors guramentat stante li tali rikors guramentat ai termini

tal-Artikolu 1357(2) tal-Kap 16 jista jsir biss wara li tkun saret l-ittra ufficjali qabel ma jiskadi l-konvenju u entro t-terminu ta' tletin (30) gurnata mindu skada l-konvenju. Illi xejn minn dan ma sar u ghalhekk kif sewwa ssottomettew l-atturi, japplika l-Artikolu 1357(1) tal-Kap 16 cioe' meta l-bejgh ma jkunx jista jsir u ghalhekk wiehed jista jaghmel talba ghad-danni.

Difatti jinsab akkolt illi "*meta jaghlaq iz-zmien li l-konvenju jibqa jorbot u ebda wahda mill-partijiet ma tkun hadet il-passi mehtiega sabiex iggieghel lill-parti l-ohra jersaq ghal kuntratt ta' bejgh u xiri, il-konvenju jitlef l-effikacja tieghu u dakinhar li jiskadi l-partijiet jergghu lura ghall-istatus ante quo*" (**Loreto Abela vs Teresa Spiteri Appell Civili 30 ta' Ottubru, 1989**). U hekk gara f' dan il-kaz.

Dwar is-sentenza **Simon Galea Testaferrata noe vs Joseph Farrugia kawza numru 1239/10 per Imh Chetcuti deciza fil-25 ta' Gunju 2013**, kwotata mill-atturi, tali decizjoni kkonkludiet li f'kaz ta' kawza ghad-danni din tista ssir immedjatament minghajr il-bzonn li tigi segwita l-procedura tal-Artikolu 1357 u in sostenn ta' dan ikkwotat **Steve Cachia et vs Nichaolas Cutajar et (App Civ 01/07/2005) u Dominic Cutajar vs John Debono (PA 28/2/2013)**.

Dwar il-mertu jekk dawn id-danni hux misthoqqa lill-atturi, dan jigi kkunsidrat wara li l-partijiet iressqu l-provi taghhom.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut u jordna l-prosegwiment tal-kawza.

**Av Anna Mallia**
**Gudikant**